## GHAJNEJK DEJJEM JIDHKULI

*Għajnejk dejjem jidħkuli*
*u kelma xejn minn fommok*
*Li tgħidli x'għandek f'qalbek*
*ma nafx x'inhu li jżommok.*

*L-għasfur ġie qalli darba*
*li qalbek hi marbuta;*
*ma nafx min rabarhielek,*
*min hi dik l-għajn misħuta:*

*Min hu li lsienek bikkem,*
*u saħħrek għal warajh,*
*ċaħadli l-kliem ta' fommok,*
*xeħitni taħt saqajk.*

*Urieh li għadek tħobbni,*
*li għadek ma nsejtnix,*
*għax l-ewwel li ħabbejtni,*
*minn qalbek ma ċħadtnix.*

*Għajnejk dejjem jidħkuli,*
*għalkemm dak fommok sieket,*
*għalkemm il-ħsieb ta' mħabbtek*
*għalija baqa' rieqed.*

*Iżda xi darba l-kelma*
*għad nisma' jien minn fommok,*
*li qalbek mhix marbuta,*
*f'imħabbtek ħadd ma jżommok.*

10.7.1965

A. CREMONA

## GHALIEX?

*Għaliex meta ħabbejtek*
*qatt ma ridt tħares lejja,*
*u mort f'ħoġor ħaddieħor*
*meta jien xtaqtek ħdejja?*

*Għaliex meta kont ċkejkna*
*tħobb dejjem tilgħab miegħi,*
*u llum li kbirt dak wiċċek*
*m'għadux il-hena tiegħi?*

*Għaliex meta kont tifla*
*imgħannqa miegħi dejjem,*
*tibki biex tibqa' miegħi,*
*u miegħi biss titgħejjem?*

*Għaliex meta sirt xbejba*
*ma bqajtx titgħannaq miegħi,*
*għalxejn jien xtaqtek ħdejja,*
*u ħrabt il-ħsara tiegħi?—*

*Għaliex insejt l-imgħoddi,*
*l-imgħoddi ta' torbitek,*
*għaliex insejt il-hena,*
*il-hena ta' tfulitek?—*

*Meta fuq wiċċek xegħlet*
*ta' qalbek is-sbuħija*
*u jiena u int tgħaxxaqna*
*bil-ħajja ta' bla ħtija.*

*Illum li naf kif tbiddlet*
*il-ħajja ta' żgħożitna,*
*ma nistagħġibx li nsejtni*
*fl-imħabba ta' tfulitna.*

27.1.1966

A. CREMONA